MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2007

Appell Civili Numru. 139/2006/1

**Fl-atti tar-rikors u tad-digriet tad-19 ta' April 2006 moghti in camera mill-Onor. Imhallef Gianninu Caruana Demajo ai termini tar-Regolament 44/2001 fl-ismijiet**

**GIE Pari Mutuel Urbain (PMU)**

**v.**

**Zeturf Limited (C35469)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' appell tas-socjeta` Zeturf Limited tas-26 ta' Mejju 2006 li permezz tieghu l-imsemmija u socjeta` talbet ir-revoka tad-digriet tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tad-19 ta' April 2006 li bih iddikjarat is-sentenza nru. 05/85723 moghtija mit-Tribunal de Grande Istance de Paris fl-10 ta' Frar 2006, f'kawza bejn il-kontendenti odjerni, ezegwibbli f'Malta, u talbet konsegwentement ukoll li jigi dikjarat li l-imsemmija sentenza ma tistax tigi rikonoxxuta u/jew enforzata f'Malta ai termini tar-Regolament 44/2001;

Rat ir-risposta tal-kontroparti; rat l-atti kollha relevanti; semghet it-trattazzjoni fid-diversi udjenzi, inkluza dik tal-lum;

Hadet in konsiderazzjoni s-sentenza moghtija minn din l-istess Qorti fl-udjenza tad-9 ta' Jannar 2007 (App. Nru 92/06) fl-ismijiet "GIE Pari Mutuel Urbain (PMU) v. Zeturf Limited";

Ghall-istess ragunijiet moghtija f'dik is-sentenza, u peress li s-sentenza 05/85723 (li l-enforzar taghha qed jintalab) hija konsegwenza u rizultat tas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell ta' Parigi tal-4 ta' Jannar 2006 (numru 05/15773) li diga` giet dikjarata mhux enforzabbli ai termini tar-regolament 44/2001 ghax dak ir-regolament ma japplikax ghaliha, tipprovdi dwar dan l-appell billi tirrevoka d-digriet tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tad-19 ta' April 2006 kif mitlub fl-ewwel talba tar-rikorrenti appellanti u konsegwentement tichad it-talba ta' l-Avukat Dr. Brigitte Zammit nomine kif kontenuta fir-rikors ta' l-istess data (cioe` 19 ta' April 2006) ipprezentat quddiem il-Prim Awla; u tiddikjara li ma hemmx lok ta' provvediment fir-rigward tat-tieni talba tas-socjeta` rikorrenti appellanti. Spejjez, kemm ta' l-ewwel kif ukoll ta' din l-istanza, a karigu ta' l-appellata GIE Pari Mutuel Urbain.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------